Fit-Tribunal ta' Revizjoni Ta' l-Ambjent u l-Ippjanar

Polidano Brothers Limited (C-8884)

Vs

L-Awtorita' Ghal Ambjent u r-Rizorsi

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
12 JUL 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Rikors ta' l-Appell ta' Polidano Brothers Limited (C-8884)**

Tesponi bir-rispett:

**Re: ERA Ref No: OWK 0005/22**

1. Illi dan huwa appell minn ordni ta' l-Awtorita' intimata tal- 24 ta' Ġunju 2022 notifikata lill- appellanti nhar it-28 ta' Ġunju 2022, kopja hawn annessa u mmarkata bhala DOC PBL;

2. Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

   i. Illi terzi mhux magħrufa ddepożitaw materjal f'propjeta' tas soċjeta' appellanti gewwa Tal-Hmieri fil-limiti tas-Siġġiewi, Malta;

   ii. Illi ufficjali tal- Awtorita' appellata kkuntatjaw lis-soċjeta' esponenti dwar dan il-fatt;

   iii. Illi min rajha s-soċjeta' appellanti, b'kollaborazzjoni mal-istess Awtorita', bdiet it-tindif tas-sit;

   iv. Illi minkejja li t-tindif sar u l-appellanti kkoperat bis-shih mal-Awtorita' appellata, dina xorta waħda, u għal-raġunijiet magħrufa lilha, ħarġet l-ordni de quo fejn fost affarijiet oħra imponiet multa kif ukoll multa ġornaljera;

Illi l-appellanti ħassitha aggravata minn l-ordni maħruġa mil-Awtorita' għal-Ambjent u r-Riżorsi hawn fuq imsemmi minħabba ir-raġunijiet segwenti:

1. L-Awtorita' harget din l-istess ordni fl-24 ta' Gunju 2022 minhabba depositu ta' materjal fuq dan is-sit. Il-hrug ta' din l-ordni harget wara li l-appellanti kienet diga' iddisponiet, tista' tghid minn kwazi l-materjal kollu li kien intefa fuq dan is-sit, liema materjal intefgha minn terzi, li izda xorta gie mnaddaf mill-appellanti u ghas-spejjeż tagħha.

2. Malli l-Awtorita gibdet l-attenzjoni rigward it-tfiegh ta' dan il-materjal fl-20 ta' Mejju 2022, fejn dan gie kkomunikat lill-Perit tal-appellant il-Perit Darren Sciberras, minnufih inzammet laqgha fuq is-sit bejn il-Perit Sciberras u rapprezentanti tal-Awtorita' appellata (Courtney Ann Vella u

Stefan Azzopardi) fis-26 ta' Mejju 2022 u gie maqbul x'tip ta' xoghlijiet u tindif kellhom isiru biex jitnehha il-materjal u s-sit jigi mnaddaf skond l-istruzzjonijiet mghotija mill-istess Awtorita' appellata. Kien hemm ukoll kominikazzjonijiet ufficjali bl-email bejn l-Awtorita' u l-Perit Sciberras f'dan ir-rigward, kif jixhed DOC A anness.

3. Wara li beda jipprocedi x-xoghol ta' tindif, saru diversi laqghat ohra fuq is-sit bejn l-istess rapprezentanti tal-Awtorita' appellata u l-Perit Sciberras, fejn safrattant l-istess rapprezentanti irrikonoxxew ix-xoghol tajjeb ta' tindif li sar mill-appellanti u dan gie anke komunikat verbalment lill-Perit Sciberras. Minn naha tieghu il-Perit bghat korrispondenza ohra fejn wara diversi diskussjonijiet mar-rapprezentanti tal-Awtorita' appellata, kiteb fid-dettall l-ahhar xoghlijiet ta' tindif li kien ghad fadal minn naha tal appellanti u dana wara li tistgha tghid il-materjal min fuq is-sit tnehha kompletament skond kif kien mifthiem mal-Awtorita' appellata, kif jixhed DOC B anness. F'din l-istess email, l-appellanti anke uriet ix-xewqa li jirriabilita din l-istess art permezz tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

4. Wara dan il-komunikat tal-Perit Sciberras, l-appellanti kompliet tnaddaf iz zoni specifici hekk kif indikati mill-Awtorita' appellata u kif ukoll tnehhew anke xi strutturi ohra min fuq is-sit li kienu inbnew minn nassaba matul iz-zminijiet.

5. Hekk kif l-appellanti tistgha tghid kienet kwazi ikkonkludiet ix-xoghlijiet ta' tindif skond l-istruzzjonijiet mghotija lilu mill Awtorita appellata, l-istess Awtorita appellata harget din-notifika bi-struzzjonijiet ta' kif ghandu jsir ix-xoghol ta' tindif, liema xoghol kien diga sar u kien qed jigi konkluz b'koperazzjoni totali mal-Awtorita' appellata. Hekk kif jixhdu DOC C u DOC D, li huwa rittratti li ittiehdu mill-Perit Sciberras fil-21 ta' Mejju 2022 qabel beda it-tindif u fit-8 ta' Gunju 2022 rispettivament, juru bic-car ix-xoghlijiet li saru minn naha tal-appellant u li huwa totalment l-oppost ghal-dak citat mil-Awtorita' appellata fin-notifika taghha.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, filwaqt li l-esponenti tirrizerva d-dritt li tressaq provi ulterjuri u taghmel sottomissjonijiet ohra, umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jannulla, jirrevoka u jhassar l-ordni ta' l-Awtorita' appellata fil-konfront tar-rikorrenti tal-24 ta' Ġunju 2022 u dan taht kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun.

**Franco Galea (Dr)**

**Lucio Sciriha (Dr)**
**SAGA Juris Advocates**
58, Old Bakery Street, Valletta.

**Perit Darren Sciberras**

**Appellanti:** Polidano Brothers Limited – Triq Ħal-Farruġ, Luqa.

**Appellata:** Hexagon House, Spencer Hill, il-Marsa.

Fit-Tribunal ta' Revizjoni Ta' l-Ambjent u l-Ippjanar

Polidano Brothers Limited (C-8884)

Vs

L-Awtorita' Ghal Ambjent u r-Rizorsi

Lista tax-Xhieda ta' Polidano Brothers Limited (C-8884)

1. Rapprezentanti, konsulenti, ufficjali u impjegati prezenti u passati tas- socjeta' Polidano Brothers Limited sabiex jixhdu dwar il-fatti;
2. Rapprezentanti, ufficjali u impjegati prezenti u passata ta' l-Awtorita' l-intimata, u ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex jixhdu dwar il-fatti;
3. Il- Perit Darren Sciberras sabiex jixhed dwar il- fatti tal- kaz;
4. Rapprezentanti tal-Ornis Committee;
5. Rapprezentanti tal-Malta Post plc;
6. Rapprezentanti tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti;
7. Rapprezentanti Kaċċatturi u Nassaba San Ubertu;
8. Rapprezentanti tal-ghaqdiet Birdlife u CABS;
9. Kuntratturi, nies u socjetajiet prezenti u passati li ghamlu/jaghmlu uzu mis- sit in kwistjoni, sabiex jixhdu dwar il-fatti;
10. Ix-xhieda kollha li ser jigu indikati mill-kontroparti in ezami u/jew in kontroezami;
11. Periti u esperti ex parte.

Franco Galea (Dr)

Lucio Sciriha (Dr)
SAGA Juris Advocates
58, Old Bakery Street, Valletta.

Perit Darren Sciberras

**Appellanti:** Polidano Brothers Limited – Triq Ħal-Farruġ, Luqa.

**Appellata:** Hexagon House, Spencer Hill, il-Marsa